MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1367/2003

Kawza fil-lista: 72

***A B C*,**
**f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem**
**ta' binha minuri *T***
**vs**
***V Z C***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, eccessi u ngurji gravi da parti tal-konvenut; li l-partijiet ghandhom tifel minuri; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk titlob li din il-Qorti [1][2] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut; u tawtorizza lill-attrici tghix

separatament mill-konvenut; [3] tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-attrici; [4] tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha u ghat-tifel minuri; [5] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16; [6] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti; [7] tordna li l-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali taghha; [8] tawtorizza r-registrazzjoni tas-sentenza; bl-ispejjez;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: [1] li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi fuq l-attrici; [2] li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lilu fl-interess tal-minuri; [3] li huwa ghandu jhallas manteniment biss ghat-tifel minuri, u mhux ghall-attrici peress li din kapaci tahdem, u fil-fatt tahdem; [4] jopponi ghall-applikazzjoni ta' l-artikoli 48 sa 53 fil-konfront tieghu, stante li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi fuq l-attrici; [5] taqbel mat-talba ghax-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni; [6] li hu m'ghandux fil-pussess tieghu proprjeta' parafernali ta' l-attrici;

Rat il-verbal li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-provi mismugha fil-kawza numru 616/03NC fl-ismijiet inversi, jitqiesu wkoll bhala provi mismugha fil-kawza odjerna;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Sandra Sladden;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija tal-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jattribwixxi l-htija lill-attrici.

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u konkluzzjonijiet raggjunti minnha fis-sentenza moghtija llum fl-ismijiet inversi fil-kawza numru 616/2003NC, u taddatthom fl-intier taghhom.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tieni talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-proceduri;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li t-tifel sar maggjorenni;
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba, stante li z-zwieg gie annullat, u t-tifel sar maggjorenni;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori;
[5] tilqa' is-sitt talba fit-termini gja deciz fis-sentenza precitata;
[6] tichad is-seba' talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[7] tilqa' t-tmien talba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------